# Kunsill Lokali Safi

40, Dar il-Kunsill, Triq l-Iskola, Safi SFI 1404
Telefon: (00356) 21689168, (0356) 21641487 Telefax: (00356) 21689796
E-Mail: safi.lc@gov.mt Web-Page: www.lc.gov.mt


Minuti tas-seduta numru sitta (6) tal-Kunsill Lokali Ħal Safi (KLĦS) li nżammet nhar l-Erbgħa 10 t' April 2013, fil-5.30pm, fil-Bini Muniċipali ta' Ħal Safi.

| | | |
|---|---|---|
| PREŻENTI: | Francis Callus | Sindku |
| | Johan Mula | Viċi-Sindku |
| | Carlo Stivala | Kunsillier |
| | Publio Abdilla | Kunsillier |
| | Pietru Pawl Busuttil | Kunsillier |
| | Anthony Attard | Segretarju Eżekuttiv |

1. Is-Sindku presedja l-laqgħa u qal it-talba.

2. Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżenta l-minuti tas-seduta preċedenti, dawn ġew meħuda bħala moqrija u sarulhom il-korrezzjonijiet kif jidhru bil-linka fuq il-kopja oriġinali, kienu approvati u ffirmati.

**3. Punti mill-Minuti**

3.1 Il-kunsillier Carlo Stivala qal illi l-persuna li jixtieq jibda kors taċ-ċikliżmu għat-tfal tar-raħal, jixtieq jarma mejda waqt l-isports day biex jagħti promozzjoni għal kors [ref: punt 3.2]. Is-Sindku qal illi dan jista jsir. Il-Viċi Sindku Johan Mula staqsa jekk it-tfal illi jipparteċipaw fil-kors għandhom ikunu biss mir-raħal. Il-kunsillier Carlo Stivala qal illi dan għandu jġib xi tfal illi huma minn irħula oħrajn.

3.2 Is-Sindku qal illi reġa sar il-valenu tal-ġrieden wara talba oħra mill-Kunsill [ref punt nru. 3.4]

3.3 Is-Sindku qal illi għadu jrid isir ix-xogħol fuq is-sinjali ta' triq San Ġwann imma ikkonferma li fl-aħħar iż-żebgħa waslet [ref punt nru 3.5]. Qal illi peress illi l-Kunsill irċieva taħrika dwar inċident fl-istess

triq, għandna nistennew sakemm naraw x'hemm fuq din it-taħrika qabel ma nibdew ix-xogħol meħtieġ. Is-Sindku qal ukoll illi f'parti oħra tal-istess triq [in-naħa ta' triq San Ġorġ] hemm post fejn joqogħdu tlett karrozzi. Il-kunsill mhux se jagħmel postijiet tal-parkeġġ, iżda se jsiru linji sofor mal-kantuniera biex nevitaw il-periklu li jkun hemm meta n-nies jipparkjaw mal-kantunieri.

3.4 Is-Sindku qal illi ċ-ċwievet tal-katakombi zgur qegħdin għand il-Kunsill ta' Żurrieq [ref punt nru 3.6] u ttieħdu mid-Dipartiment tax-Xogħolijiet. Il-kunsilliera lmentaw għax il-Kunsill ta' Ħal Safi ħa ħsieb it-tindif u xogħol ta' manutenzjoni f'dawk in-naħat fil-passat. Is-Sindku qal illi għandna napplikaw bħala joint-owners mal-Kunsill ta' Żurrieq għal fondi. Il-kunsillier Pietru Pawl Busuttil qal illi l-bibien qegħdin fil-konfini tagħna u ma jistgħux jaqbdu u jieħdu kollox f'idejhom. Sab oġġezzjoni għal proposta tas-Sindku għax jemmen illi peress illi l-bibien qegħdin fil-konfini tagħna, iċ-ċwievet għandhom ikunu tagħna, u l-ebda Kunsill ieħor m'għandu jgawdi minn fuq darna. Qal illi jekk ma naslu imkien fl-applikazzjoni tagħna biss għandna nikonsidraw illi nidħlu f'*joint membership*. Il-kunsillier Publius Abdilla qal illi għandna nieħdu l-parir ta' Ħeritage Malta jekk bi ħsibna nagħmlu xi ħaġa fil-konfini. Qal ukoll illi qabel ma nagħmlu katnazz mad-dħul ta' dawn il-konfini għandna nirċievu konferma mid-Dipartiment illi l-katakombi fil-fatt jaqaw fil-konfini tagħna.

3.5 Is-Sindku qal illi jekk il-Kunsill ta' Żurrieq ikomplu joħolqu problemi [rigward il-katakombi], ma jsib l-ebda oġġezzjoni li nagħmlu l-bandiera [ref punt 3.7] fejn il-katakombi bħal ma ssuġġerixxa l-kunsillier Pietru Pawl Busuttil.

3.6 Il-kunsillier Carlo Stivala qal illi ħa jiġbor il-petizzjonijiet sal-aħħar tax-xahar [ref punt nru 3.8]. Is-Sindku qal illi MEPA għandhom jagħtu spjegazzjoni dwar kif ingħataw permess biex joperaw bħala store ġo triq residenzjali. Il-kunsillier Carlo Stivala qal illi ħlief ħsejjes u perikli m'hemmx issa li hemm dawn qegħdin jaħdmu fejn jgħixu n-nies. Qal ukoll illi qegħdin jgħidu lin-nies biex ineħħu l-karozzi tagħhom minn posthom meta jkunu pparkjati, ħalli jistgħu jipparkaw it-trakkijiet u jħottu. Qal ukoll illi wieħed minnhom għamel it-triq tiegħu issa u qiegħed jagħlaq l-aċċess għal ħaddieħor. Is-Sindku qal illi hu lest jagħmel kaxxi bojod sal-BIS biex nakkomodaw ir-residenti. Ma kien hemm l-ebda oġġezzjoni.

3.7 Il-Viċi Sindku Johan Mula qal illi daħlet is-sinjorina Maria Pace fil-kumitat tal-Edukazzjoni u Kultura [ref punt nru. 3.9]. B'hekk issa hemm tnax- il membru barra hu.

3.8 Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi l-kwotazzjonijiet tad-dokumentarju se jkunu diskussi fil-laqgħa li jmiss għalhiex talab kwotazzjoniet fuq speċifikazzjonijiet differenti u hemm min talab izjed ħin biex jagħti risposta peress illi huma msiefrin.

3.9 Is-Sindku qal illi rċieva telefonata minn avukat rigward il-linji s-sofor li saru fit-triq Dun Karm Vella [ref punt nru 3.15]. Ix-xogħol sar fuq talba li saret minn xi residenti lill-Transport Malta

3.10 Il-kunsillier Carlo Stivala qal lli l-isports day se ssir bejn is-2pm u 4pm u mhux minn 3pm [ref punt 6.4].

3.11 Il-kunsillier Pietru Pawl Busuttil talab update rigward it-tabella li tneħħiet f'triq San Ġwann. Is-Sindku qal illi peress illi dan l-aħħar kien hemm ħafna xogħol meħtieġ għal Jum Ħal Safi, dan ix-xogħol għadu ma sarx imma se ssir dalwaqt [ref nru. 7.1].

3.12 Il-patching sar [ref punt nru 7.3] imma s-Sindku kkonferma li baqa l-aħħar ftit inkluz li hemm fir-raħal.

3.13 Is-Sindku qal illi z-zebra crossing se ssir wara Jum Ħal Safi [ref punt nru. 7.4]

3.14 Il-kunsillier Publius Abdilla lmenta li meta sar ix-xogħol fil-bandli [ref punt 7.5] ma żebgħux il-bandli u jidhru koroh. Is-Sindku qal illi dan ix-xogħol se jsir għax ma jistgħux jagħmlu kollox f'daqqa. Il-kunsillier Publius Abdilla qal illi hemm bzonn ta' sagħtejn xogħol biss biex dan isir. Is-Sindku qal illi l-ħaddiema kellhom jagħmlu xogħol ieħor fuq il-ħitan tas-sejjiegħ u għalhekk ma kienux disponibbli għal dan ix-xogħol illi jista jsir fi ftit ħin fil-futur. Il-kunsillier Publius Abdilla staqsa wkoll rigward il-funtana. Is-Sindku qal illi l-elettriċista għandu jbiddel il-pompa.

3.15 Is-Sindku qal illi ra tlett itfal fil-grawnd tal-futbol meta kien msakkar Qalilhom illi jekk jerġa jara li jqaċċtu il-wire se jżomm lilhom responsabbli [ref punt 7.8]

3.16 Il-kunsillier Publius Abdilla staqsa jekk se tintuza l-kamera [CCTV] [ref punt nru. 7.9]. Is-Sindku kkonferma li iva.

**4. Korrespondenza**

4.1 Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi l-korrespondenza se tiġi diskussa fil-laqgħa li jmiss.

**5. Approvazzjoni tal-pagamenti tas-seduta preċedenti**

5.1 Il-kunsilliera qablu mal-PAS u ffirmaw il-PAS tal-laqgħa preċedenti.

5.2 Il-kunsillier Carlo Stivala qal illi se jiffirma l-PAS imma qal illi reġa għadda minn trauma minħabba wieħed mill-kowċes tal-futbol u hu ma jistax jifhem ir-raġunijiet għalfejn persuna li hu nkarigat biex jgħin fit-tmexxija tan-nursery tal-Kunsill għandu joffendi kunsillier għall-ebda raġuni ta' xejn. Qal illi sar ħafna paroli fil-konfront tas-sur Stivala fejn, fost affarijiet oħrajn, akkuzza lil dan il-kunsillier li għandu moħħu biex joqtol in-nursery. Il-kunsillier għamel talba biex jitfaċċa l-Kunsill u jispjega għalfejn qed jgħid dawn il-kliem. Il-kunsillier Publius Abdilla qal illi jekk dan offenda l-kunsillier, m'għandu l-ebda skuża u għalhekk għandu jikteb biex jiskuza ruħhu. Qablu li dan għandu jiġi mal-Head kowċ. Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi se jerġa jibgħatilhom biex jattendu laqgħa tal-Kunsill, izda mhux waqt il-laqgħa tal-lokalita, li hija l-laqgħa li jmiss.

**6. Jum Ħal Safi**

6.1 Il-kunsillier Carlo Stivala qal illi hemm 48 tfal illi se jieħdu sehem fl-isports day. Qal ukoll illi l-kumitat sportiv ħa ħsieb kif se jaqsmu l-gruppi tat-tfal. Qal illi l-għada tal-laqgħa għandu jiltaqa mal-ġenituri tat-tfal illi se jipparteċipaw u se jagħtihom wrist bands jew flokkijiet b'kuluri differenti. Qal ukoll illi kulħadd se jieħu medalja u li se jkun hemm 9 nies jgħinu. Qal illi bħala sorpriza se jistaqsu lil ġenituri biex jieħdu sehem f'tug of war lejn l-aħħar tal-attivitajiet. Qal ukoll illi bagħtna inviti lil 2 nies illi għamlu ġid għar-raħal fit-tema sportiva. Dawn huma is-sur Jonathan Balzan u s-sinjorina Alishia Sultana.

6.2 Is-Sindku qal illi Federica Falzon se tkun mistiedna biex intuha rikonoximent. Qal illi ġenituri oħrajn tawħ problemi għax hi se tkanta u t-tfal tagħhom le. Qal illi hi se tieħu rikonoximent għax kisbet suċċess internazzjonali. Jekk tfal oħrajn jiksbu l-istess tip ta' suċċessi qal illi huma wkoll ikunu mistiednin jipparteċipaw fl-attivitajiet tal-Kunsill ta' Jum Ħal Safi [Premju Onorefiċenza]

6.3 Is-Sindku qal illi ħadd mill-ushers m'hu ġej. Talab lil Viċi Sindku u lil kunsillier Carlo Stivala biex jistaqsu lil membri tal-kumitati rispettivi tagħhom.

**7. LifeLong Learning**

7.1 Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi tkellem mal-koordinatur tal-LifeLong Learning u huma jixtiequ jerġgħu jagħmlu korsijiet fis-sala tal-Kunsill. Din id-darba l-Kunsill għandu jagħżel liema korsijiet jixtieq joffri u jekk hemm minimu t'għaxra min-nies fil-klassi, dawn il-klassijiet jistgħu jsiru fis-sala. Is-Segretarju Eżekuttiv għamel rikwest biex inkomplu bit-Taljan u l-Ispanjol waqt illi għazel klassi kreattiv [f'dan il-kaz "Ganutell]. Il-kunsillier ma sabu l-ebda oġġezzjoni imma qalu li għandna naraw jekk hemm interess minn dawk illi qegħdin jipparteċipaw fil-klassijiet t'issa.

**8. Financial Statements**

8.1 Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżenta l-Financial Statements. Qal illi dan huwa simili bħal dawk illi ġew aċċettati mill-Kunsill f'laqgħa preċedenti, fil-presenza tal-accountant, imma kien hemm ftit tbiddil. Il-kunsilliera qalu li jekk l-accountant tikkonferma li hi kuntenta bihom, hemm biss se jiġu ffirmati mis-Sindku u mis-Segretarju Eżekuttiv.

**9. Ħwejjeġ oħra**

9.1 Is-Segretarju Eżekuttiv qal minn ġie nominat għal Premju Onorefiċenza 2013. Dawn huma s-sur Anthony Pace, is-sur Patrick Bongailas, u s-sinjuri Publius Abdilla u Edward Bonello li ġew nominati flimkien.

9.2 Is-Sindku qal illi fl-22 ta' Mejju ġej l-Arċisqof u se jkun hemm okkazzjoni fis-sala tagħna.

9.3 Il-Viċi Sindku staqsa jekk qegħdin nieħdu benefiċji fil-kontijiet tad-dawl bil-panelli tal-PV. Is-Segretarju Eżekuttiv ikonferma li iva.

9.4 Is-Sindku qal illi se nieħdu ħsieb it-traffic management wara Jum Ħal Safi.

9.5 Il-kunsillier Pietru Pawl Busuttil talab għal update rigward iċ-Child Care Centre. Is-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv qalu li ma stajniex napplikaw f'Ottubru meta kien hemm fondi għax ma kelniex il-permessi kollha.

9.6 Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi applika għal European Destination award. Kellu jagħzel attivita/inizjattiva li bdiet qabel 2011 u li hija aċċessibli għal kulħadd. Għalhekk qal illi għażel il-Ħeritage Trail. Il-kunsillier ma sabu l-ebda oġġezzjoni.

9.7 Is-Segretarju Eżekuttiv fakkar illi fl-24 t'April il-Kunsill għandu jiltaqa' u se jkun hemm il-laqgħa tal-Lokalita.

9.8 Il-Viċi Sindku Johan Mula xtaq ikun jaf jekk il-BOV se jħalsu l-kont tad-dawl tal-ATM li għandhom pendenti mal-Kunsill. Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi bagħat id-dokumenti kollha u li għandhom iħalsu. Qal ukoll illi għandu bil-miktub illi se nirċievu l-flus mingħandhom.

9.9 Il-Viċi Sindku Johan Mula talab għall-update rigward it-talba tiegħu biex isir wifi fil-playingfield fejn il-Kunsill. Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi għandna nagħmlu cable mill-Kunsill s'hemm u kaxxa speċjali biex niproteġu ir-router izda għalissa l-Kunsill ma riedx wires jaqsmu bejn il-bini tal-Kunsill u l-playing field.

**10 Laqgħa li jmiss**

10.1 Il-laqgħa ntemmet fit-8.30pm.

10.2 Il-laqgħa li jmiss se jsir fl-24 t' April 2013 fit-3pm. Il-kunsilliera qablu fuq il-ħin. Dan se jsir biex ikun hemm laqgħa fejn jiġu diskussi l-ħwejjeġ ta' din is-seduta qabel il-laqgħa tal-Lokalita li għanda tibda fil-5.30pm.

<table>
<tr><td>Sindku<br>Francis Callus</td><td>Segretarju Eżekuttiv<br>Anthony Attard</td></tr>
</table>